A.L. 59 ta' l-1996

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Ġranet u l-Hinijiet tax-Xogħol tal-Ftuħ u l-Għeluq tar-Reġistri tal-Qrati

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 109 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Ġranet u l-Hinijiet tax-Xogħol tal-Ftuħ u l-Għeluq tar-Reġistri tal-Qrati.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1995.

Ġranet u hinijiet tax-xogħol tar-Reġistri tal-Qrati.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, ir-Reġistru tal-Qrati Superjuri u r-Reġistri tal-Qrati Inferjuri għandhom jinfetħu għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji matul il-ġranet li ġejjin u matul il-ħinijiet li ġejjin:

Bejn l-1 ta' Ottubru u l-15 ta' Ġunju ta' kull sena:
Bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m.

Bejn is-16 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena:
Bejn it-8.00 a.m. u nofs in-nhar.

Ġranet ta' l-għeluq tar-Reġistri tal-Qrati.

3. Bla ħsara għall-proviso li hemm mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 109 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ir-Reġistru tal-Qrati Superjuri u r-Reġistri tal-Qrati Inferjuri m'għandhomx jinfetħu għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji nhar ta' sibt, fil-btajjel pubbliċi kif ipprovdut fl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, u l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Kap. 252.

Tħassir ta' l-Avviż Legali 144 ta' l-1995.

4. Ir-Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Ġranet u l-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ftuħ tar-Reġistri tal-Qrati huma b'dawn imħassra.